**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (Għawdex)**
**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Mark Quattromani**

**Illum 18 ta' Novembru 2022**

Numru 2/2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet mressqa kontra Mark Quattromani ta' 27 sena, detentur tal-karta ta' l-identita' 209794(M) li permezz tagħha ġie akkużat talli waqt li kien qiegħed fir-residenza 99, Triq Vajrinġa, Rabat, Għawdex, nhar l-14 ta' Frar 2021 għall-ħabta ta' 3.00p.m u fil-ġranet, ġimghat u xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer Maltin;

1. Kellu fil-pussess tiegħu droga ristretta u psikotropika (speed) u ecstasy, kontenenti, s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taħt it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Profissjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellha l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi, sabiex tkun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod ieħor bil-liċenżja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu ghall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontrol intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292.1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Rat l-ordni tal-Avukat Ġenerali datata 19 ta' Lulju 2021.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur irtira t-tieni imputazzjoni.

Semgħet l-ammissjoni tal-imputat li ġiet ikkonfermata wara li ngħata żmien raġjonevoli biex jirrikonsidra u wara li ġie spjegat lilhu l-piena li ggorr din l-imputazzjoni li ġie akkuzat biha.

Semgħet sottomissjonijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti ma għandhiex triq ohra għajr li ssib ħtija fl-imputat.

Għal fini ta' piena, il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni l-ammont ta' sustanza illeċita misjuba fil-pussess tal-imputat, kif ukoll li l-imputat

rreġistra ammissjoni dak inhar stess tas-seduta li fiha ġew moqrija u kkonfermati bil-ġurament l-imputazzjonijiet mill-Uffiċjal Prosekutur.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni mressqa fil-konfront tiegħu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' din il-liberazzjoni kundizzjonata.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2022 u kontenuta fl-evidence bag bin-numru S01492529, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taht il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċes-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

(ft.) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur